Nru./No. 21,498
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu, 2025
Friday, 29th August, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 11,697
Government Notices *11,697*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,698 - 11,700
Court Notices ..... *11,698 - 11,700*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1375

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 146 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda Liġijiet Varji għall-Prevenzjoni ta' Sewqan taħt l-influwenza tal-Alkoħol u d-Droga.

Id-29 ta' Awwissu, 2025

Nru. 1376

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Emma Vella bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Maria Vella Magro u dan għall-perjodu bejn il-5 ta' Settembru, 2025 u t-13 ta' Settembru, 2025, kif ukoll bejn it-18 ta' Settembru, 2025 u l-21 ta' Settembru, 2025.

Illum it-Tnejn, 25 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 1377

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Alexia Debattista bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Luke Caruana u dan għall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru, 2025 u l-31 ta' Ottubru, 2025.

Illum, it-Tlieta, 26 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

GOVERNMENT NOTICES

No. 1375

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 146 entitled the Various Laws relating to the Prevention of Driving under the influence of Alcohol and Drugs (Amendment) Act, 2025.

29th August, 2025

No. 1376

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Emma Vella to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Maria Vella Magro for the period between the 5th September, 2025 and the 13th September, 2025, and between the 18th September, 2025 and the 21st September, 2025.

Today Monday, 25th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 1377

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Alexia Debattista to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Luke Caruana for the period between the 1st September, 2025 and the 30th October, 2025.

Today Tuesday, 26th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2199

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Jannar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1428/2023TA, fl-ismijiet: Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Remi Jack Jorgensen, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Remi Jack Jorgensen ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Diċembru, 2023, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bħala kopja uffiċjali tagħha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv;

2. Tordna li kopja tar-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1428/2023TA fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-8 ta' Ottubru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Remi Jack Jorgensen, 71, Triq San Piju V, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Awwissu, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 5th January, 2024, in the records of the Sworn Application number 1428/2023TA, in the names: The Commissioner of Revenue and Customs vs Remi Jack Jorgensen, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: The Commissioner of Revenue and Customs vs Remi Jack Jorgensen filed in the Civil Court, First Hall, on the 19th December, 2023, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the registration of the document annexed to this application as an official copy thereof so that the same document constitutes an executive title;

2. Order that a copy of the application and of the document attached thereto be notified to the respondent company according to the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, as if this application and this document were a judicial act.

The Sworn application number 1428/2023TA in the names mentioned above is postponed to 8th October, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Remi Jack Jorgensen, 71, Triq San Piju V, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 27th August, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2200

B'digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 79/2021/1 fl-ismijiet Bernard Baldacchino (384655M) vs George Micallef (353166M) u l-Avukat tal-Istat, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' George Micallef a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 79/2021/1 ippreżentat fit-2 ta' Frar, 2023, l-Avukat tal-Istat ħassu aggravat bis-sentenza tal-31 ta' Jannar, 2023, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) bl-aggravju li l-kumpens nonpekunjarju llikwidat mill-Ewwel Onorabbli Oorti huwa eċċessiv u għandu jitnaqqas sabiex jirrifletti ammont li huwa konformi mal-ġurisprudenza.

By means of a decree delivered by the Constitutional Court on the 23rd of June, 2025, in the records of Constitutional Application Number 79/2021/1 in the names Bernard Baldacchino (384655M) vs George Micallef (353166M) and the State Advocate, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on George Micallef in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Constitutional Appeal Application number 79/2021/1 filed on the 2nd February, 2023, the State Advocate felt aggrieved by the judgment delivered on the 31st January, 2023, by the Honourable First Hall Civil Court (Constitutional Jurisdiction) on the ground that the non-pecuniary compensation liquidated by the Honourable First Court is excessive and should be reduced to reflect an amount which is in line with jurisprudence.

Għaldaqstant, l-esponent appellant qed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali jogħġobha tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha nhar il-31 ta' Jannar, 2023, fis-sens illi tnaqqas sostanzjalment il-kumpens għal danni nonpekunarji ta' tnax-il elf ewro (€12,000) għal ammont sostanzjalment inferjuri filwaqt illi tikkonferma s-sentenza tal-31 ta' Jannar, 2023, fil-kumplament tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellat.

Ir-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 79/2021/1 fl-ismijiet Bernard Baldacchino vs George Micallef (353166M) u l-Avukat tal-Istat, jinsab differit għal nhar is-27 ta' Ottubru, 2025, jissejjaħ fit-8.30 a.m.

Notifika: George Micallef, 35, Atlantis Court, Flat 3, Triq Papa Piju XII, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Kostituzzjonali) , illum 28 ta' Awwissu, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, the appellant respectfully requests this Honourable Constitutional Court to reform the judgment in the names premised delivered by the First Hall Civil Court in its Constitutional jurisdiction on the 31st January, 2023, in the sense that it substantially reduces the compensation for non pecuniary damages of twelve thousand euro (€12,000) to a substantially inferior amount whilst confirming the judgment of the 31st January, 2023, as to its remainder, with costs of both instances against the respondent applicant.

Constitutional Appeal Application number 79/2021/1 in the names Bernard Baldacchino vs George Micallef (353166M) and the State Advocate, has been deferred for hearing to the 27th October, 2025, at 8.30 a.m.

Notification: George Micallef, 35, Atlantis Court, Flat 3, Triq Papa Piju XII, Birkirkara

Registry of the Courts of Appeal (Constitutional), this day, 28th August, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2201

B'digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali, fil-31 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 346/2021 fl-ismijiet George Falzon u martu Rosaria Falzon vs l-Avukat tal-Istat u Raymond Buttigieg, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' George Falzon u martu Rosaria Falzon a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 346/2021 ippreżentat fil-31 ta' Diċembru, 2024, l-Avukat tal-Istat ħassu aggravat bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi mogħtija nhar il-11 ta' Diċembru, 2024, bl-aggravji li din l-Ewwel Onorabbli Qorti żbaljat meta sabet illi l-applikazzjoni tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kif protetti bil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali fil-perijodu ta' bejn il-11 ta' Novembru, 2008, u d-19 ta' Ottubru, 2023; l-Ewwel Onorabbli Qorti llikwidat kumpens pekunjarju eċċessiv favur ir-rikorrenti; l-Ewwel Onorabbli Qorti llikwidat ukoll kumpens nonpekunjaiju eċċessiv favur ir-rikorrenti u l-Ewwel Onorabbli Qorti żbaljat meta ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

Għaldaqstant, l-esponent, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-11 ta' Diċembru, 2024, fl-intier tagħha u filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponent, tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellati Falzon, jew altemattivament, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet korretta

By means of a decree delivered by the Constitutional Court, on the 31st July, 2025, in the records of Constitutional Application number 346/2021 in the names George Falzon and his wife Rosaria Falzon vs The State Advocate and Raymond Buttigieg, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on George Falzon and his wife Rosaria Falzon in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Constitutional Appeal Application Number 346/2021 filed on the 31st December, 2024, the State Advocate feels aggrieved by the judgment of the First, Hall Civil Court (Constitutional jurisdiction) in the names premised delivered on the 11th December, 2024, on the grounds that this Honourable First Court erred when it found that the application of the Cap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009 violates the fundamental rights of the applicants for the enjoyment of their property as protected by the Convention For the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms during the period from 11th November, 2008, to 19th October, 2023; the Honourable First Court liquidated excessive pecuniary compensation in favour of the applicants; the Honourable First Court also liquidated excessive non-pecuniary compensation in favour of the applicant and the Honourable First Court erred when it ordered that all the costs of the cause are to be paid by the State Advocate.

Therefore, the applicant requests with respect that this Honourable Court annuls and revokes the appealed judgment of the 11th December, 2024, in its entirety and whilst upholding the pleas raised by the appellant, it dismisses all the demands by the respondent applicants Falzon, or alternatively, in case this Honourable Court considers that

meta sabet illi l-applikazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kif protetti, tirriforma s-sentenza appellata billi tillimita tali leżjoni għall-periodu ta' bejn il-11 ta' Novembru, 2008 u l-aħħar ta' Mejju, 2010, u konsegwentement tnaqqas id-danni pekunjarii u nonpekunjarji llikwidati skont il-każ, bl-ispejjeż.

Notifika: George Falzon, 4, Block C5, Flt 6, Triq is-Summiena, Il-Fgura
Rosaria Falzon, 4, Block C5, Flt 6, Triq is-Summiena, Il-Fgura

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Kostituzzjonali), illum 28 ta' Awwissu, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the Court of First Instance was correct when it found that the application of the Cap. 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009 violates the fundamental rights of the applicants for the enjoyment of their property, reforms the appealed judgment by limiting such lesion to the period between 11th November, 2008 and the end of May, 2010, and consequently reduces the pecuniary and non-pecuniary damages liquidated as the case may be, with costs.

Notification: George Falzon, 4, Block C5, Flt 6, Triq is-Summiena, Fgura
Rosaria Falzon, 4, Block C5, Flt 6, Triq is-Summiena, Fgura

Registry of the Courts of Appeal (Constitutional), this day 28th August, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2202

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fis-16 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 1165/2021 fl-ismijiet Mary Moore et vs Anthony Fenech et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mary Moore u Sandra Maresca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Risposta tal-Appell u Appell Inċidentali fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 1165/2021 ippreżentati fit-2 ta' Ġunju, 2025, Anthony Fenech (KI 193656 M), Matthew Fenech (KI 517483M), Silvan Fenech (KI 587678M) u Turn Invest Limited (C69572) jitolbu li l-aggravji tal-appell ta' Mary Moore u Sandra Maresca fil-konfront tas-sentenza deċiża fl-10 ta' April, 2025, jiġu miċħuda bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontrihom. Kwantu għall-appell inċidentali, l-istess esponenti jitolbu hi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravju taghhom li l-ewwel Qorti ma għamlitx spartizzjoni ġusta u skont il-liġi tal-ispejjeż tal-kawża prinċipali u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tħassarha fejn ikkundannat lill-esponenti jħallsu insolidum erba' kwinti mill-ispejjeż tal-azzjoni prinċipali u minflok takkolla l-ispejjeż kollha tal-azzjoni prinċipali lill-atturi prinċipali;

2. Tikkonfermaha għall-bqija.

Bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-atturi Moore u Marcsca.
Notifika: Mary Moore u Sandra Maresca, 48, Triq in-Nazzarenu, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 31 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior jurisdiction, on the 16th July, 2025, in the records of Application number 1165/2021 in the names Mary Moore et vs Anthony Fenech et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Mary Moore and Sandra Maresca in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Reply to an Appeal and the Cross-Appeal in the records of Appeal Application number 1165/2021 filed on the 2nd June, 2025, Anthony Fenech (ID 193656 M), Matthew Fenech (ID 517483M), Silvan Fenech (ID 587678M) and Turn Invest Limited (C69572) request that the grounds of appeal raised by Mary Moore and Sandra Maresca against the judgment decided on 10th April, 2025, be dimissed, with the costs of this appeal against them. As for the cross-appeal, the same applicants request this Honourable Court to uphold their ground of appeal that is, the Court of First Instance did not make a fair and legal partition of the costs of the main cause and consequently reform the appealed judgment by:

1. Cancelling it wherein it condemned the applicants to pay in solidum four-fifths of the costs of the principal action and instead to pay all the costs of the principal action to the principal plaintiffs;

2. Confirm it for the rest.

With costs of this appeal against the plaintiffs Moore and Maresca.
Notification: Mary Moore and Sandra Maresca, 48, Triq in-Nazzarenu, Tas-Sliema

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 31st July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603